# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum is-26 ta' Novembru 2020**

Appell numru 277 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Miguel CUTAJAR**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-1 t'Ottubru 2019 fil-konfront ta' Miguel CUTAJAR, karta tal-identità bin-numru 190391M li ġie mixli:

    Talli fis-17 ta' Diċembru 2018 għall-ħabta ta' 01:06hrs bil-vettura HBV226 ġewwa Dawret Ħal-Għaxaq, Ħal-Għaxaq:

    1) Saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata.

    2) U aktar saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-imsemmija vettura fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi.

3) Naqas jew irrifjuta li jagħti skont il-Liġi kampjun tan-nifs, tad-demm u/jew tal-urina.

Il-Prosekuzzjoni titlob li jiġi skwalifikat mill-liċenzja tiegħu tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat Miguel CUTAJAR ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, ikkundannatu għall-multa t'elf u tminn mitt ewro (€1800) pagabbli ratealment kif imsemmi fis-sentenza kif ukoll ordnat is-sospensjoni tal-liċenza għal żmien sitt (6) xhur u ordnatlu biex ai termini tar-regolament 78 tal-L.S.65.18 jgħaddi l-liċenza tas-sewqan lil Awtorita għat-Trasport f'Malta nonche imponiet il-piena ta' tliet punti penali fuq il-liċenza tas-sewqan tal-ħati liema punti kellhom jiġu inklużi fid-database komputerizzata mill-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta.

3. Illi Miguel CUTAJAR interpona appell minn din is-sentenza u li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-ħati minn kull ħtija. Dan wara li, in breve, saħaq is-segwenti: -

i. Il-prosekuzzjoni produċiet biss erba' affidavits li kienu identiċi u li b'hekk naqset milli tipproduċi l-aħjar prova li kellha disponibbli għaliha. L-allegazzjoni li l-appellant naqas milli jagħmel it-test tan-nifs billi l-apparat kien qiegħed iwassal biss sa' 16% u ma kienx qiegħed iwassal sal-100% biex b'hekk kien qiegħed jirrendi dan il-kampjun inkomplet. Dan ifisser li l-

appellant ma kienx qiegħed jirrifjuta li jagħmel it-test. L-appellant kien qiegħed jagħmel l-almu tiegħu biex jonfoħ fl-isturment iżda huwa kien ibagħti bl-asthma. Apparti dan il-Prosekuzzjoni naqset milli ġġib il-prova tac-chit – ċjoe l-aħjar prova li kienet turi li l-appellant ma kienx irnexxielu jagħti l-kampjun. Minħabba dan in-nuqqas ta' l-aħjar prova l-Qorti ma setgħetx issibu ħati ta' dak ir-reat.

ii. Il-Prosekuzzjoni naqset milli ġġib l-aħjar prova li l-aġenti tal-pulizija in kwistjoni kellhom l-awtorizzazzjoni tas-superjuri tagħhom sabiex jeżegwixxu r-*road check* skont kif teħtieġ il-Liġi.

***Ikkunsidrat***

4. Illi fis-17 ta' Diċembru 2018 għall-ħabta ta' 0106 l-appellant li kien qiegħed isuq il-vettura HBV226 ġewwa Dawret Ħal-Għaxaq, Ħal-Għaxaq ġie mwaqqaf mill-Pulizija waqt *roadblock* li kienu qegħdin jikkoduċu. Huwa ġie notat li ma kienx f'sura li jsuq kif ukoll li kellu riħa qawwija ta' xorb alkoħoliku ħierġa minn ħalqu. Huwa ġie mitlub jagħti kampjun tan-nifs u aċċetta. Iżda meta beda jonfoħ irriżulta li l-istrument beda jasal biss sa' 16% minn 100%. L-appellant ingħata tliet tentattivi sabiex ikun jista' jagħti kampjun sħiħ tan-nifs. Biss minkejja dan l-appellant ma bediex jasal biex jagħti kampjun sħiħ tan-nifs. Oltre minn hekk ġie innutat li kien qiegħed jixxengel fil-passi tiegħu. Minħabba l-istat li deher fih l-appellant ma tħalliex mill-Pulizija li jsuq il-vettura tiegħu u ċempel lil xi konoxxent tiegħu residenti Ħal-Għaxaq biex imur jorqod għandu.

## *Ikkunsidrat*

5. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha.

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

> Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

6. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

7. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

8. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

9. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,*** 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12

10. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*.

11. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

12. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi

---

ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

13. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

14. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

15. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

16. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

17.Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.* Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

18.Fil-każ Ingliż ***Majid,***[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

19.Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence,*** Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

20.Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell

---

[6] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

21. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

22. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-*best evidence rule*, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

23. In oltre u aktar reċentement fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer,*** il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[10]

---

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.
[10] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

24. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-*hearsay* u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. Dan peress li parti mix-xiehda prodotti f'dan il-każ jistrieħu esklussivament fuq dak li qalulhom il-protagonisti f'dan il-każ.

25. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-*hearsay evidence*, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.
>
> (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.
>
> **599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

26. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet : ***Il-Pulizija vs Janis Caruana*** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-

Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-*hearsay evidence* kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod : -

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:

> '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:

> 'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23. Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

> 'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law ruel against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda

persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

27. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi*** ġie deċiż is-segwenti : -

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan ilkliem:

> 'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

> Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

28. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella***, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-*hearsay evidence* ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar -

> Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

29. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan

l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

30. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

31. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Vincent Calleja*** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ

f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "*unsafe and unsatisfactory*" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "*unsafe and unsatisfactory*". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

***Ikkunsidrat***

32. Illi mistqarra dawn il-prinċipji regolaturi, u li huma determinanti għas-soluzzjoni ta' dan il-każ, din il-Qorti jidhrilha li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal li ssib ħtija fl-appellant f'dan il-każ.

33. Qabel xejn din il-Qorti tinnota li l-aggravji tal-appellant huma ċirkoskritti għal nuqqas ta' provi fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, nonche l-allegazzjoni li ma ġietx provduta prova tal-awtorizzazzjoni għar-***road check*** relattiva. L-aggravji ma jagħmlux riferenza għas-sejbien ta' ħtija dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjoni.

34. Huwa minnu li l-affidavits tal-aġenti tal-Pulizija kienu identiċi għajr għal ħlief kelma l-hawn u l-hemm. Dan żgur mhux eżempju tajjeb ta' kif affidavits għandhom jiġu redatti u maħlufa minn aġenti tal-Pulizija. Din il-Qorti tistieden lil Prosekuzzjoni sabiex tbiddel din il-modalita xejn feliċi ta' kif isiru l-affidavits. Din il-Qorti ma għandhiex dubju li dawn il-Pulizija għandhom moħħ tajjeb biex jaħsbu u jesprimu ruħhom. Persważa wkoll li huma kapaċi jaraw u jagħrblu esperjenzi varji li jiltaqgħu magħhom fix-xogħol nobbli li jagħmlu fid-dinja ta' madwarhom b'modi differenti wieħed mill-ieħor.

35. Mistqarr dan kollu dwar il-forma tal-affidavits, il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tiskarta l-kontenut, ossija s-sustanza, ta' dawn l-affidavits. Il-messaġġ li dawn l-affidavits iwaslu huwa ċar. L-appellant ma kienx kapaċi li jagħti kampjun ta' nifs b'mod li jasal sal-aħħar – bl-appellant jgħid lil dawn l-aġenti tal-Pulizija li huwa kien ibgħati bl-asthma. F'dan il-każ l-erba' aġenti tal-Pulizija jsostnu li l-appellant ingħata tliet opportunitajiet biex jonfoħ fl-istrument iżda ma nefaħx biżżejjed b'mod li t-test setgħa jkun kunsidrat komplut. Peress li l-appellant ma nefaħx biżżejjed fl-istrument b'mod li setgħa joħroġ riżultat – skontu minħabba l-asthma li jbagħti minnha, huwa ġie mixli bir-reat imsemmi fl-artikolu 15E(4) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid : -

> (4) Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli tagħti kampjun meħtieġ hekk kif stabbilit taħt dan l-artikolu jew ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza tkun ħatja ta' reat u sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju, titqies li l-proporzjon ta' alkoħol fid-demm ta' dik il-persuna ikun iżjed mil-limitu preskritt:

> Iżda tkun difiża għal dik il-persuna jekk tipprova li n-nuqqas tagħha li tagħti kampjun kien minħabba l-inkapaċità fiżika jew mentali li tagħtih jew għaliex l-għoti tiegħu kien jagħti lok għal riskju sostanzjali għal saħħitha.

36. L-appellant ġie misjub ħati ta' dan ir-reat u kkundannat għalih.

37. Din il-Qorti rat pero li hemm kwistjoni ta' dritt li jolqot wieħed mis-sisien tal-jedd ta' smiegħ xieraq fi proċeduri kriminali li jrid jiġi mistħarreġ f'dan il-każ. Mill-affidavits tal-Pulizija ma jirriżulta xejn dwar jekk, meta ġihom is-suspett li l-appellant kien qiegħed isuq taħt l-influwenza ta' xorb jew drogi u ġie mitlub biex jagħti kampjun tan-nifs, **qabel** ma huwa aċċetta li jagħti t-test tan-nifs, ġiex mogħti t-twissijiet rikjesti skont il-Liġi f'dawn iċ-ċirkostanzi partikolari.

38. Illi x-xenarju maħluq mill-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Ordinanza) inbidel xi ftit bis-saħħa tal-Avviż Legali 392 tal-2010, kif emendat bl-Avviż Legali 422 tal-2015 u 28 tal-2018. Din il-Liġi Sussidjarja 65.16 tirregola kif it-test tan-nifs għandu jsir. Qabel xejn it-test tan-nifs imsemmi fl-Ordinanza għandu jsir permezz tal-istrument muri fl-Ewwel Skeda għal dawn ir-regolamenti, li huwa *l-Alcovisor Professional Breath Alcohol Analyser*, mudell *Jupiter* jew kwalunkwe mudell ieħor li għandu l-istess funzjoni.

39. Issa meta l-Pulizija jużaw dan l-*Alcovisor* biex iwetqu t-test tan-nifs, ir-**riżultati miksuba** bl-użu ta' dan l-apparat għandhom jiġu trattati bħala dawk ir-riżultati analitiċi msemmija fl-artikolu 15E(1)

tal-Ordinanza.[11] Jiġifieri r-riżultati tat-test magħmul bl-*Alcovisor* jkunu ammissibbli bħala prova f'kull proċediment għal reat taħt l-artikoli 15A jew 15B(1) tal-Ordinanza – kif fil-fatt ġara f'dan il-każ. Inoltre, dawn ir-riżultati għandhom jiġu preżunti bħala korretti sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju.

40. Il-konsegwenza hi li r-riżultat huwa ammissibbli bi prova fi proċeduri kriminali, quddiem Qorti ta' Ġustizzja Kriminali, li jistgħu jwaslu sabiex in bażi tagħhom is-sewwieq jista' jiġi misjub ħati ta' delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija. Apparti minn hekk dan ir-riżultat joħloq preżunzjoni *iuris tantum* li huwa korrett u mbagħad jispetta lis-sewwieq li jipprova l-kuntrarju.

41. Ir-regolament 4 tal-L.S. 65.16 jgħid li r-**<u>riżultati miksuba</u>** bl-użu ta' dan l-apparat għandhom jiġu trattati bħala dawk ir-riżultati analitiċi msemmija fl-artikolu 15E(1) tal-Ordinanza. Iżda mbagħad ma jsemmi xejn dwar il-konsegwenzi li jista' jkun hemm jekk is-sewwieq jagħżel li ma jagħmilx it-test tan-nifs bl-*Alcovisor* – jiġifieri jekk jiskattawx ukoll id-disposizzjonijiet tal-artikolu 15E(4) kontra

---

[11] Dan l-Artikolu jgħid hekk : -

15E.(1) Sabiex jiġi deċiż jekk persuna għamlitx xi reat taħt l-artikoli 15A u 15B(1) uffiċjal tal-Pulizija jista' jeħtieġ li dik il-persuna -
(a) tagħti kampjun tan-nifs jew kampjun għall-analiżi permezz tal-istrument approvat, skont ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza, u r-riżultat hekk miksub għandu jkun ammissibbli bħala prova f'kull proċediment għal reat taħt l-artikoli 15A jew 15B(1). Ir-riżultati tal-analiżi għandhom jiġu preżunti bħala korretti sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju; jew
(b) tagħti kampjun jew kampjuni tad-demm u l-urina għall-analiżi tal-laboratorju, li għandhom isiru fil-laboratorju approvat, skont ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza, u l-opinjoni tal-analista f'dak il-laboratorju u r-riżultati tal-analiżi għandhom ikunu ammissibbli bħala prova f'kull proċediment għal reat taħt l-artikoli 15A jew 15B(1). Ir-riżultati tal-analiżi għandhom jiġu preżunti bħala korretti sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju:
Iżda l-uffiċjal tal-Pulizija jista' b'żieda mal-kampjuni tan-nifs jeħtieġ ukoll kampjun tad-demm jew żewġ kampjuni tal-urina.

tiegħu b'mod li dak ir-rifjut jitqies fih innifsu bħala reat kriminali nonche l-preżunzjoni *iuris tantum* li l-proporzjon tal-alkoħol finnifs kien ogħla minn dak preskritt fil-Liġi. Fuq dan il-punt il-Liġi hija siekta, u l-Qorti b'hekk ikollha wkoll tiskot fuqu.

42. Jekk il-kampjun tan-nifs ikollu mhux iżjed minn 50 mikrogramma ta' alkohol f'100 millilitru ta' nifs – bħal ma kien fil-każ in disamina - il-persuna li tkun tagħtu tista' titlob li dan jiġi sostitwit b'dak il-kampjun bħal dawk li jistgħu jkunu meħtieġa taħt l-artikolu 15E(1)(b) tal-Ordinanza u, jekk mbagħad jagħti kampjun bħal dak, ebda kampjun tan-nifs ma għandu jintuża.

43. Jiġifieri fl-eventwalita fejn il-persuna li tkun tagħat il-kampjun tannifs, ir-riżultat bl-*Alcovisor* jimmarka mhux aktar minn 50ug/100ml ta' nifs, l-istess persuna għandha d-dritt li titlob li dan it-test tan-nifs jiġi sostitwit bil-mezz tat-test tal-kampjun tad-demm u tal-urina għall-analiżi tal-laboratorju, fil-*Malta National Laboratory* u mbagħad it-test tan-nifs ma jkunx jista' jintuża bi prova. F'din l-eventwalita jkunu r-riżultati tal-analiżi u l-opinjoni tal-analista f'dak il-laboratorju li mbagħad ikunu meqjusa ammissibbli bħala prova fi proċeduri penali taħt l-artikoli 15A jew 15B(1) tal-Ordinanza. Aktar minn hekk dawn ir-riżultati huma preżunti bħala korretti sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju.

44. Il-kampjuni tan-nifs jistgħu jintalbu li jingħataw fil-post jew viċin il-post fejn l-istess kampjuni jkunu intalbu, jew f'għassa tal-Pulizija, ċentru tas-saħħa jew sptar. Il-kampjuni tad-demm jistgħu jiġu

mitluba li jingħataw f'għassa tal-Pulizija, ċentru tas-saħħa jew sptar. Iż-żewġ kampjuni tal-urina mitluba għall-analiżi għandhom jingħataw b'intervall ta' siegħa bejniethom u fl-analiżi għandu jintuża dak il-kampjun li jingħata l-aħħar. Il-kampjuni tal-urina jistgħu jintalbu li jingħataw f'għassa tal-Pulizija, ċentru tas-saħħa jew sptar.

45. Dil-Qorti jidhrilha li dawn ir-regolamenti jridu jiġu moqrija flimkien mal-artikoli tal-Ordinanza u jridu jiġu interpretati b'mod konformi mal-istess artikoli tal-Liġi. L-Ordinanza teżiġi li meta Aġent tal-Pulizija jiġi biex jitlob lil sewwieq biex joqgħod għal test tan-nifs, l-Aġent tal-Pulizija jrid ikollu almenu **<u>suspett raġjonevoli</u>** li l-

> (a) persuna tkun qed issuq jew tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u li jkollha l-alkohol f'ġisimha jew li tkun għamlet reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew kontra xi regolamenti magħmula taħtha waqt li l-vettura bil-mutur kienet miexja; jew
> (b) persuna kienet issuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u li kellha alkohol f'ġisimha u li dik il-persuna kien għad għandha l-alkohol f'ġisimha; jew
> (ċ) persuna kienet issuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u li għamlet reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew kontra xi regolamenti magħmula taħtha waqt li l-vettura bil-mutur jew vettura oħra kienet miexja; jew
> (d) persuna kienet issuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor meta dik il-vettura bil-mutur jew vettura oħra kienet involuta f'aċċident, huwa jista' jeħtieġ li dik il-persuna tagħti kampjun tan-nifs għal test tan-nifs.

46. Jiġifieri **<u>qabel</u>** ma l-Aġent tal-Pulizija jkun jista' jeħtieġ lil xi sewwieq ta' vettura bil-mutur biex jagħti kampjun tan-nifs għat-test tan-nifs bl-*Alcovisor* huwa jrid almenu jkollu elementi biżżejjed li

jsawrulu s-suspett raġjonevoli li s-sewwieq saq jew ipprova jsuq jew kellu l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fi triq jew f'post pubbliku u li jkollu l-alkoħol f'ġismu, jew li s-sewwieq ikun għamel reat kontra l-Ordinanza jew xi regolamenti magħmula taħtha waqt li l-vettura bil-mutur kienet miexja jew li meta misjuqa, dik il-vettura kienet involuta f'xi inċident.

47. Jiġifieri għall-fini tal-artikolu 15C tal-Ordinanza dan is-suspett raġjonevoli jista' jitnissel f'moħħ l-Aġent tal-Pulizija anke mis-sempliċi fatt li s-sewwieq ikollu riħa ta' xorb fuqu; iżda l-fatt li jkun hemm dik ir-riħa ta' xorb *sic et simpliciter* ma jfissirx li dik il-persuna ssir awtomatikament ħatja tar-reat taħt l-artikoli 15A jew 15B(1) tal-Ordinanza.

48. Imbagħad jekk dak l-Aġent tal-Pulizija jkollu suspett raġjonevoli li sewwieq setgħa kien involut f'xi wieħed jew aktar minn dawn ix-xenarji imsemmija fl-artikolu 15C tal-Ordinanza, huwa jista' jeħtieġ li jitlob lis-sewwieq li jagħti kampjun għat-test tan-nifs. Jekk l-Aġent tal-Pulizija jkollu dan is-suspett raġjonevoli u l-apparat li jkollu disponibbli u li jintuża għat-test tan-nifs ikun l-*Alcovisor*, u s-sewwieq jagħmel it-test tan-nifs, allura mbagħad jiskattaw ir-regoli msemmija aktar il-fuq fir-rigward tar-riżultati ta' dak it-test tan-nifs.

49. Biss jibqa' l-fatt li biex jagħmel dan l-Artikolu 15C tal-Ordinanza jeħtieġ li l-Aġent tal-Pulizija jkollu s-suspett raġjonevoli li bl-imġieba tiegħu s-sewwieq jista' jkun involva ruħu fil-kommissjoni

ta' xi reati, li jistgħu jkunu xi wieħed mid-delitti msemmija taħt l-artikoli 15A jew 15B(1) tal-Ordinanza. Meta jiġri hekk u l-Aġent tal-Pulizija jitnissillu dan is-suspett raġjonevoli ta' ksur tal-Artikoli 15A jew 15B(1) tal-Ordinanza, il-Liġi teħtieġ lil dan l-Aġent tal-Pulizija li jieħu azzjoni investigattiva pertinenti għall-funzjoni u mansjoni pubblika tiegħu.

50. U meta jiġi biex jieħu azzjoni investigattiva **minħabba** dan is-suspett raġjonevoli fis-sewwieq, l-istatus legali tas-sewwieq ma jibqax ta' sempliċi persuna li tkun infurmata fuq fatti rilevanti għal stħarriġ mill-Pulizija, jew sempliċiment ta' xhud. Is-sewwieq, fit-termini ta' din l-istess Liġi jsir suspettat li wettaq reat kriminali taħt l-artikoli 15A jew 15B(1) tal-Ordinanza. U l-mument li s-sewwieq isir suspettat li jkun wettaq dawn ir-reati kriminali, filwaqt li l-Aġent tal-Pulizija jkollu d-dritt u dmir li jinvestigah, mill-banda l-oħra s-sewwieq ikollu dritt li jiġi mgħarraf li dan l-Aġent tal-Pulizija jkun tnissillu s-suspett raġjonevoli li huwa, bħala sewwieq ta' vettura bil-mutur setgħa kkommetta dawn ir-reati kriminali.

51. U wara l-introduzzjoni tal-Att IV tal-2014 kif emendat bl-Att VIII tal-2015 u mbagħad bl-Att LI tal-2016, f'dan il-kuntest ta' suspett raġjonevoli ta' kummissjoni ta' reati kriminali naxxenti mill-artikoli 15A u 15B(1) tal-Ordinanza, anke s-sewwieq ta' vettura bil-mutur għandu jgawdi d-drittijiet bħal kull persuna oħra li fl-ambitu t'investigazzjonijiet mill-Pulizija Eżekuttiva tkun saret suspettata li tkun wetqet tali reat kriminali u li tkun ġiet infurmata mill-Uffiċjal tal-Pulizija li tkun hekk suspettata u b'hekk ikunu applikabbli fil-

konfront tiegħu id-drittijiet ai termini tal-artikolu 534A et seq tal-Kodiċi Kriminali.

52. U dan ukoll għaliex meta l-Uffiċjal tal-Pulizija jgħaddi biex jeżiġi mis-sewwieq li jagħti kampjun tan-nifs għat-test tan-nifs, ġaladarba li din l-istedina tkun bażata fuq is-suspett raġjonevoli żviluppat preċedentement mill-Aġent tal-Pulizija li s-sewwieq ikun suspettat li wettaq reat kriminali (in specie taħt l-artikoli 15A u 15B(1) tal-Ordinanza), bl-istess talba tiegħu biex is-sewwieq jagħti kampjun tan-nifs, l-Aġent tal-Pulizija jkun qiegħed ukoll juri b'mod ċar lis-sewwieq li huwa, bħala Aġent tal-Pulizija, ġieħ is-suspett raġjonevoli fih li setgħa wettaq reat kriminali. Huwa għalhekk importanti li anke f'dan l-istadju, is-sewwieq li jkun suspettat li wettaq reati kriminali li jġorru piena karċerarja jingħatawlu d-drittijiet tiegħu bħal kull persuna suspettata oħra li tkun wetqet reati serji li jistgħu iġorru l-piena ta' priġunerija.

53. Issa minbarra dan, jekk fil-kuntest aktar il-fuq imsemmi, l-Aġent tal-Pulizija jeħtieġ lil persuna suspettata li tagħti kampjun tan-nifs, u dan isir bl-użu tal-*Alcovisor*, bis-saħħa tal-emendi fil-L.S. 65.16, ir-riżultat ta' dan it-test jitqies li huwa ammissibbli u jista' speċifikament iservi ta' prova fi proċeduri penali meħuda taħt l-artikoli 15A u 15B(1) tal-Ordinanza u li l-piena għalihom tista' tkun dik ta' priġunerija.

54. Din il-Qorti tisħaq li r-regolamenti fil-Liġi sussidjarja 65.16 huma intiżi li jinqraw b'mod konformi mal-artikoli tal-Ordinanza u ma

jistgħux dawn ir-regolamenti jissostitwixxu jew jidderogaw mid-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ta' Liġijiet oħra intiżi li jagħtu protezzjoni lil persuni suspettati li wetqu reat kriminali b'mod partikolari meta dan ikun punibbli bi priġunerija.

55. L-anqas ma jistgħu iservu biex jaġġiraw dak li l-istess artikoli tal-Ordinanza jippreskrivu. Dan allura japplika wkoll kull meta Aġent tal-Pulizija jitnissillu suspett raġjonevoli fil-konfront ta' sewwieq ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra – li setgħet tkun wetqet delitt taħt l-Ordinanza jew regolamenti magħmulin taħtha u li għalihom jista' wkoll ikun hemm il-piena ta' priġunerija u li jeħtieġ minnha li tagħti kampjun tan-nifs – irrispettivament fejn dan l-Aġent tal-Pulizija jinzerta jkun qiegħed – fit-triq daqskemm fl-uffiċju jew band'oħra.

56. L-emendi fir-regolamenti tal-L.S. 65.16 huma maħsuba li jiffaċilitaw l-użu tal-*Alcovisor* u tar-riżultanzi ta' dan it-test bħala prova ammissibbli għall-fini ta' proċeduri kriminali taħt l-artikoli 15A u 15B(1) tal-Ordinanza. Huma kienu wkoll intiżi li jwarbu l-proċedura preċedenti relattiva għall-użu tal-*breathalyser test* li kienet maqsuma fi tnejn; u li jissimplifikawha billi t-test li jsir fuq il-post bl-*Alcovisor* ikun ritenibbli ammissibbli bi prova fi proċeduri kriminali taħt l-artikoli 15A u 15B(1) tal-Ordinanza – u mhux sempliċiment jibqa' indikattiv bħal ma kien qabel.

57. Iżda minkejja din l-intenzjoni prattika tal-Leġislatur, tali emendi fir-regolamenti ma jġibux magħhom ukoll il-konsegwenza li l-

kumplament ta' dak misjub fl-artikoli 15C sa 15I tal-Ordinanza għandhom jitwarbu jew jiġu superati b'dak imsemmi fir-regolamenti. Huma r-regolamenti misjuba fil-Liġi Sussidjarja li jridu jbaxxu rashom għad-disposizzjonijiet tal-Att Prinċipali – jiġifieri l-Ordinanza - u mhux bil-maqlub.

58. Biex l-Aġent tal-Pulizija jkun jista' jeżiġi li jsir test tan-nifs lil sewwieq huwa jrid jitnissillu s-suspett raġjonevoli xi s-sewwieq ikun involut f'xi wieħed miċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 15C tal-Ordinanza. Jekk jirriżulta xi fatt li jnissel tali suspett raġjonevoli f'moħħ l-Aġent tal-Pulizija, huwa jkun jista' jipproċedi bit-talba għat-test tan-nifs, li tkun trid issir skont ir-regolamenti misjuba fil-L.S. 65.16. Iżda għalkemm ir-riżultati tat-test tan-nifs bl-użu tal-*Alcovisor*, jistgħu ikunu ammissibbli bi prova fi proċeduri kriminali fuq l-artikoli 15A u 15B(1) tal-Ordinanza, biex dan ikun jista' legalment iseħħ, hemm ukoll liġijiet oħra li jridu jiġu osservati sabiex din l-evidenza speċifika tkun tista' titqies li hija legalment ammissibbli bi prova fi proċeduri kriminali.

59. L-artikolu 15C tal-Ordinanza jrid jinqara' wkoll fid-dawl ta' dak li jipprovdu l-artikoli 15D u 15G tal-istess Ordinanza li jgħidu li :

> 15D. Uffiċjal tal-Pulizija jista' jgħaddi biex jarresta persuna jekk -
> (a) bħala rizultat ta' test tan-nifs l-uffiċjal tal-Pulizija jkollu suspett raġonevoli li l-proporzjon ta' alkohol fid-demm ta' dik il-persuna jkun iżjed mil-limitu preskritt; jew
> (b) dik il-persuna tonqos milli tagħti kampjun tan-nifs għal test tan-nifs meta meħtieġa tagħmel hekk skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15Ċ sakemm dik il-persuna tkun ġiet avżata li n-nuqqas jew ir-rifjut li tagħmel dak meħtieġ kien reat.

15G. Persuna meħtieġa li tagħti kampjun tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tista' tiġi miżmuma mill-Pulizija sakemm il-Pulizija jkun jidhrilha li dik il-persuna tkun f'kundizzjoni li ssuq.

60. Dawn id-disposizzjonijiet ma ġewx abrogati jew mibdula. Skont kif kienet tisħaq ġurisprudenza varja, ġie ritenut li hemm distinzjoni fil-mod ta' kif isir it-test tan-nifs imsemmi taħt l-artikoli 15C u 15D tal-Ordinanza, mill-analiżi tal-kampjun tan-nifs stipulat fl-artikolu 15E tal-Ordinanza; u li kien hemm ukoll distinzjoni dwar l-użu li jista' jsir minn dawn ir-riżultati; u dwar il-konsegwenzi ta' meta persuna tirrifjuta li tagħti test tan-nifs għal meta tirrifjuta li tagħti kampjun tan-nifs, demm jew urina għall-analiżi fil-laboratorju approvat.

61. Iżda issa l-emendi fir-regolamenti misjuba fl-L.S.65.16 ġabu magħhom konverġenza almenu f'dak li jirrigwarda r-riżultati li joħorġu mit-test tan-nifs bl-użu tal-*Alcovisor* – fis-sens li bl-użu tal-*Alcovisor*, ir-riżultat tat-test tan-nifs huwa ammissibbli bħala prova f'kull proċediment għal reat taħt l-artikoli 15A u 15B(1) tal-Ordinanza u dawn ir-riżultati huma preżunti korretti salv prova kuntrarja. Biss, apparti dan, id-disposizzjoni tal-artikoli 15C, 15D, et seq. tal-Ordinanza baqgħu invarjati – minkejja din il-bidla bil-mezz tar-regolamenti fir-rigward tal-valur probatorju tat-test tan-nifs li jkun meħud fuq il-post fejn ikun twaqqaf is-sewwieq bil-mezz tal-*Alcovisor*.

62. Għalhekk l-artikolu 15D tal-Ordinanza għadu jagħmel distinzjoni bejn il-konsegwenzi li jitnisslu mir-rifjut tas-sewwieq li joqgħod

għat-test tan-nifs taħt l-artikolu 15C; għal dak ir-rifjut li jitnissel ai termini tal-artikolu 15E(4) tal-Ordinanza. U kif intqal qabel ir-regolamenti baqgħu siekta fir-rigward ta' jekk issa bis-sistema ta' test waħdieni bl-*Alcovisor* jkollu valenza probatorja, ir-rifjut tat-test tan-nifs fuq il-post jikkostitwix ukoll ir-reat taħt l-artikolu 15E(4) tal-Ordinanza. Iżda la l-Liġi hi siekta, il-Qorti trid ukoll tiskot fuq dan il-punt.

63. Illi qabel id-dħul ta' dawn l-emendi fir-regolamenti misjuba fil-L.S. 65.16, fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Julian Sciberras*** deċiża minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono nhar it-13 ta' Marzu 2001 ġie speċifikat li :

> Fuq dawn il-fatti l-ewwel qorti ma setghetx legalment issib lil Sciberras hati tar-reat kontemplat fis-subartikolu (4) tal-Artikolu 15E tal-Kap. 65, u dan ghal raguni wahda u semplici. Il-ligi tiddistingwi bejn kampjun tan-nifs li jista' jintalab li jinghata ghall-finijiet ta' **test** tan-nifs (Art. 15C), u z-zewg kampjuni li jistghu jintalbu li jinghataw ghall-finijiet ta' l-**analizi** permezz ta' strument approvat (Art. 15E(1)(a)). Huwa biss jekk wiehed jirrifjuta jew jonqos milli jaghti wiehed jew aktar minn dawn iz-zewg kampjuni (cioe` ghall-finijiet tal- analizi permess ta' strument approvat) li wiehed ikun qed jikkommetti r-reat kontemplat fl-imsemmi subartikolu (4) tal-Artikolu 15E. Dan huwa car mill- kliem adoperati fl-imsemmi subartikolu: "Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli taghti kampjun kif mahsub taht dan l-artikolu [u mhux ukoll taht l-Artikolu 15C] tkun hatja ta' reat..." Persuna li tirrifjuta li taghti n-nifs ghall-finijiet tat-test tan- nifs, jigifieri ghall-finijiet ta' dak li komunement jissejjah ir-*roadside test* (ara d- definizzjoni ta' "test tan-nifs" fl-Artikolu 15I(1)) tkun soggetta li tigi arrestata taht l-Artikolu 15D (basta li tkun inghatat it-twissija imsemmija fil-paragrafu (b) tal-imsemmi Artikolu 15D), mehuda d-Depot tal-Pulizija, u biss jekk hemm, cioe` fid-Depot, tibqa' tirrifjuta jew tonqos milli taghti n-nifs kif mehtieg ghall- analizi, u minghajr raguni valida skond il-ligi, tkun hatja tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15E(4). Fi kliem iehor, dak li kellu jaghmel il-Kuntistabbli Cristina kien li jarresta lil Sciberras u jiehdu d-Depot, u mhux semplicement jehodlu d- dettalji u jhallieh sejjer. Ghalhekk fuq il-fatti kif irrisultaw, l-ewwel qorti ma setghet qatt issib lill-appellant hati kif effettivament sabitu, cioe` tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15E(4) tal-Kap. 65. Dak li ghamel l-appellant kien jammonta ghar-reat minuri u kontravvenzjonali, izda kompriz u involut fit-tieni imputazzjoni, u cioe` li naqas li jobdi ordni legittima tal-

pulizija bi ksur tal- Artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali. Fir-rikors tieghu ta' appell, l-appellant jikkontendi li hu ma nefahx fil-pajp ghax kellu halqu migugh minhabba daqqa li kien qala' fuq halqu b'risultat ta' l-incident awtomobilistiku. Din il-Qorti, pero`, bhall-ewwel qorti, tara li din kienet semplici skuza, anzi skuza banali, li l- appellant hareg biha wara biex jipprova jiggustifika n-nuqqas tieghu li jaghti n-nifs kif kien qed jigi mitlub mill-pulizija.

64. Fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Francis Pace*** deċiża minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Vincent De Gaetano nhar it-22 ta' Settembru 1999, jingħad ukoll li t-twissija jew il-*caution* (li tingħata dwar il-fatt li n-nuqqas jew ir-rifjut li l-ġudikabbli jagħti kampjun tan-nifs hu reat) hija meħtieġa biss sabiex il-Pulizija tkun tista' tarresta lil dak li jkun li jonqos milli jagħti kampjun tan-nifs għat-test tan-nifs fuq il-post – u dan skont l-artikolu 15D tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Jiġifieri l-konsegwenza tar-rifjut fil-każ ta' nuqqas ta' għoti ta' kampjun tan-nifs għat-test tan-nifs fuq il-post huwa l-arrest immedjat (u, dak iż-żmien, it-teħid tal-ġudikabbli fl-Kwartieri Ġenerali sabiex issir l-analiżi bil-mezz tal-istrument approvat. Imbagħad ikun ir-rifjut li l-ġudikabbli li jissottometti ruħu għal din l-analiżi li tista' twassal għar-reat taħt l-artikolu 15E(4) tal-Kodiċi Kriminali u għall-fini ta' dar-reat ebda twissija ma hi meħtiega).[12]

65. Ifisser li dan ix-xenarju inbidel xi ftit bis-saħħa tal-fatt li r-riżultat tat-test tan-nifs magħmul bl-*Alcovisor* issa għandu jiġi trattat bħala r-riżultat analitiku msemmi fl-artikolu 15E(1) tal-Ordinanza[13] u

[12] ***Il-Pulizija v. Emanuel Camilleri***, Qorti tal-Appell Kriminali deċiża nhar it-30 ta' April, 1999, u ***Il-Pulizija v. Anthony Cutajar***, Qorti tal-Appell Kriminali deċiża nhar it-2 ta' Settembru, 1999.
[13] Mingħajr distinzjoni bejn 15E(1)(a) u (b) tal-Ordinanza.

b'hekk jekk jintuża dan l-apparat fuq il-post, ma hemmx aktar għalfejn li s-sewwieq jittieħed l-Għassa jew il-Kwartieri Ġenerali għall-użu tal-analiżi bil-mezz tal-istrument approvat. L-*Alcovisor* **huwa** l-istrument approvat. Iżda l-istess regolamenti xorta waħda ħallew il-possibilita li jsir l-analiżi tad-demm jew tal-urina fiċ-ċirkostanzi speċifikati.

66. Illi fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Ramon Fenech*** mogħtija minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Michael Mallia nhar is-26 ta' Marzu 2015 fejn ingħad is-segwenti : -

> Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuza meta persuna tirrifjuta li tossottometti ruhha ghall-ezami tan-nifs f'dak illi huwa maghruf bhala "roadside test", dan jaghti lok ghall-arrest tal-persuna u mhux ghar-reat indikat fic-citazzjoni. Ir-reat imbaghad jigi ikkunsmat meta dak li jkun jittiehed fil-kwartieri generali tal-pulizija fejn hemm l-apparat ordnat mil-ligi u f'dak l- istadju jirrifjuta illi jiehu l-ezami. F'dan il-kaz johrog car illi l-appellat ittiehed biss l-ghassa ta' Birkirkara u minn hemmhekk intbaghat id-dar. Teknikament, ghalhekk, la darba ma giex offrut l-ezami fil-laboratorju tal-kwartieri generali tal-pulizija l-appellat ma jistax jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni (ara "Pulizija versus Julian Sciberras", Appell Kriminali, 13 ta' Marzu 2001, kif ukoll Il-Pulizija versus Raymond Parnis, 2 ta' Mejju 2012).

***Ikkunsidrat***

67. Skont il-Liġi, sabiex Uffiċjal tal-Pulizija jkun jista' jeżiġi li s-sewwieq joqgħod għat-test tan-nifs, dan l-Uffiċjal ikun irid qiegħed jaġixxi in segwitu għal suspett raġjonevoli - li jkun tnissillu qabel – li s-sewwieq ikun qiegħed isuq taħt l-influwenza tax-xorb jew l-alkoħol. Meta dan is-suspett raġonevoli jitnissel minħabba l-imġieba tas-sewwieq u s-sewqan tiegħu, l-aġent tal-Pulizija jista' jeżiġi lis-

sewwieq sabiex joqgħod għat-test tan-nifs – mingħajr il-ħtieġa li huwa, f'dak u sa dak l-istadju, jarresta lis-sewwieq fis-sens ta' din l-Ordinanza.

68. Meta l-Aġent tal-Pulizija jitnissillu s-suspett li s-sewwieq ikun ikkommetta reat kriminali, mill-banda l-oħra s-sewwieq imbagħad jitnissillu d-dritt li huwa jiġi mgħarraf li jkun jinsab taħt suspett li huwa jkun qiegħed isuq taħt l-influwenza ta' xorb jew drogi. Għalhekk il-mument li l-Uffiċjal tal-Pulizija jwaqqaf lis-sewwieq u jiġih is-suspett raġjonevoli li s-sewwieq jista' jkun li kkommetta r-reati taħt l-artikoli 15A jew 15B(1) tal-Ordinanza, l-aġent tal-Pulizija jista' jeżiġi lis-sewwieq li dan joqgħod għat-test tan-nifs. Din l-ordni tal-aġent tal-Pulizija hija ordni leġittima fiha nnifiha; iżda hija wkoll stqarrija inekwivokabbli li l-aġent tal-Pulizija jkun ifforma dak is-suspett raġjonevoli fis-sewwieq.

69. Fil-każ li din il-manifestazzjoni ta' suspett raġjonevoli fis-sewwieq tkun li huwa kkommetta reat ta' natura serja, allura din iġġib magħha wkoll il-konsegwenza li minn dak il-mument il-quddiem, is-sewwieq ikun akkwista l-istatus legali ta' suspettat fil-kommissjoni ta' reat serju u b'hekk għandu jgawdi mhux biss id-dritt li jiġi mwissi bit-tifsira tat-test tan-nifs u l-konsegwenzi tar-riżultat ta' dan it-test u d-drittijiet naxxenti mill-Ordinanza u r-Regolamenti, iżda wkoll il-konsegwenzi tar-rifjut li huwa jagħmel dan it-test, kif ukoll li s-sewwieq għandu jgawdi mid-drittijiet ta' persuna suspettata skont l-artikolu 534A tal-Kodiċi Kriminali.

70. Din il-Qorti diversament preseduta, fl-appell fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Raymond Grech Marguerat*** deċiża nhar it-28 ta' Ġunju 2017 iddeċidiet li

> Illi l-Qorti tqies illi t-twissija meta jkun ser jigi issomministrat t-test tan-nifs ghandha tigi spjegata car u tond. Dan ghaliex din mhijiex is-solita twissija li hija ikkontemplata fil-ligi ghaliex il-ligi tippresuponi l-htija meta jkun hemm ir-rifjut u allura l-pulizija investigattiva ghandha tkun attenta doppjament meta jinghata l-caution f'dawn il-kazijiet fejn allura l-persuna suspettata ghandha tinghatat d-dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel ma taghti t-twegiba taghha billi b'tali twegiba tkun tista' tinkrimina ruhha. Fil-fatt il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem testendi it-tifsira ta' "criminal charge" mill-mument illi persuna tkun ser tigi affetwata minn xi att investigattiv tal-pulizija (ara Alexander Zaichenko vs Russia – 18/02/2010): "The Court reiterates that in criminal matters, Article 6 of the Convention comes into play as soon as the peson is "charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court, such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when the preliminary investigations were opened. 'Charge' for the purposes of article 6(1) may be defined as the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence" a definition that also corresponds to the test whether the situation of the person has been substantially affected."
>
> Dan ifisser allura illi mill-mument ta' l-arrest ta' l-appellat meta ittiehed mill-post tal-incident lejn l-ghassa tal-pulizija huwa kellu jigi moghti l-jedd jikkonsulta ma' l-avukat tal-fiducja tieghu qabel ma jinkrimina ruhu bir-rifjut tieghu li joqghod ghat-test tan-nifs li kien qed jigi mitlub jaghmel, iktar u iktar meta kollox kien qed jindika illi l-appellat ma kienx qed jifhem dak li kien qed jinghad lilu. Ghal dawn il-motivi ghalhekk din il-Qorti issib illi ma tistax taqleb id-decizjoni liberatorja moghtija mill-Ewwel Qorti.

71. Fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Claude Formosa,*** deċiż fit-23 ta' Lulju 2019 din il-Qorti diversament presjeduta, anke fuq l-iskorta tas-sentenza ***Grech Marguerat,*** aktar il-fuq imsemmija, kienet saħqet illi :

> Illi l-Qorti tqies illi t-twissija meta jkun ser jigi issomministrat t-test tan-nifs ghandha tigi spjegata car u tond u jidher li f'dan il-kaz din il-materja ma hiex qed tigi kkontestata. Dan ghaliex din mhijiex is-solita twissija li hija ikkontemplata fil-ligi ghaliex il-ligi tippresuponi l-htija meta jkun hemm ir-

rifjut u allura l-pulizija investigattiva ghandha tkun attenta doppjament meta jinghata l-caution f'dawn il-kazijiet fejn allura l-persuna suspettata ghandha tinghatat d-dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel ma taghti t-twegiba taghha billi b'tali twegiba tkun tista' tinkrimina ruhha.

Illi f'dan il-kaz jirrizulta li l-appellant gie mehud l-ghassa sabeix jaghti dan il- kampjun tan-nifs bhal parti mill-investigazzjoni sabeix iwaslu ghal proceduri quddiem il-Qorti. Ghalhekk f'dak l-istadju l-appellant gja kien qed jigi kunsidrat bhala 'suspettat' u mhux semplici xhud.

72.Similment għal dan il-każ, fil-każ ***Formosa*** ġie nnutat illi s-sewwieq setgħa jkun passibbli għal reat li jġorr miegħu piena ta' priġunerija. Il-kwistjoni legali li s-sewwieq kien qiegħed jaffaċċja mhix waħda ta' sempliċi kontravvenzjoni tar-regolamenti tat-traffiku jew reati minuri. Anke f'dan il-każ l-appellant kien qiegħed jiġi mwaqqaf fuq suspett ta' kommissjoni ta' delitti taħt l-artikoli 15A tal-Ordinanza li jġorr piena ta' priġunerija skont l-artikolu 15H tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

73.L-argument imsemmi fl-appell ***Formosa,*** b'mod partikolari fejn għandu x'jaqsam l-għoti tat-twissija speċifika relattiva għat-test tan-nifs u l-konsegwenzi tar-rifjut tiegħu nonche l-jedd għall-assistenza legali - jsib ukoll postu f'dan il-każ. Din il-Qorti tifhem li f'materja ta' *road-side checks or interviews* il-Pulizija tkun trid qabel xejn tibda' tistabbilixxi jew taċċerta ċerti fatti. Il-Qorti tifhem ukoll li mhux kull ksur tar-regolamenti tat-traffiku huwa tal-istess serjeta u gravita. B'hekk il-Pulizija trid, sa minn dak l-istadju bikri, tagħmel distinzjoni bejn suspett raġjonevoli ta' ksur ta' liġi serju bħal dawk kontemplati fl-artikoli 15A u 15B(1) tal-Ordinanza u dawk li ma jkunux.

74. Din il-Qorti hija konxja minn dak imsemmi minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-appell ***Il-Pulizija vs Mark Scicluna,*** deċiż nhar it-23 ta' Jannar 2014 meta qalet li t-twissija formali għandha tingħata biss meta l-persuna tkun taħt arrest; u li meta persuna tkun qed issirilha *roadside interview* din ma tkunx taħt arrest u l-Pulizija tkun biss qegħda tipprova tistabbilixxi l-fatti u tieħu l-verżjoni tal-partijiet involuti f'inċident; u li dawn il-partijiet, sa dak l-istadju, ma jkunux taħt arrest; u li jekk ma jikkoperawx mal-Pulizija dawn jistgħu ikunu passibbli għal reati oħra.

75. Iżda din il-Qorti jidhrilha li f'dan il-każ s-sitwazzjoni tal-appellant ma kienetx sempliċiment dik ta' *road-side check or interview* fuq xi suspett ta' xi reat minuri bħal kontravvenzjoni ta' xi regolament tat-traffiku li ma jġorrx pieni karċerarji. Is-suspett fih kien ferm aktar serju minn hekk. Tant hu hekk li l-Pulizija preżenti spjegaw għaliex ġihom dak is-suspett mir-riħa ta' xorb, il-mod kif l-appellant kien qiegħed jimxi, is-sura tiegħu eċċetra. L-appellant kien ġie mwaqqaf u deher li ma kienx f'sura li jsuq minħabba s-suspett li kien xurban. Dan il-fatt jista jwassal għal **reat serju li jimporta piena karċerarja prosegwibbli quddiem Qorti ta' Ġustizzja Kriminali** taħt l-artikolu 15A(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

76. Għalkemm dan is-suspett tnissel fl-istess kuntest cirkostanzjali bħal ma jistgħu jitnisslu ħafna suspetti ta' kontravvenzjonijiet żgħar tat-traffiku, il-mod kif tali każijiet għandhom jiġu mistħarġa,

investigati u mmexxija ma jistax isegwi l-istess proċeduri bħal dawk applikabbli għal reati tat-traffiku minuri.

77. B'mod partikolari wara li bl-emendi tal-2015, it-test tan-nifs jista' isir direttament fuq il-post bl-*Alcovisor Professional Breath Alcohol Analyser; Model Jupiter* u dan it-test iġib il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 15E(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kwadru legali jsir aktar kumpless minn dak li kien qabel l-emendi tal-2015.

78. F'dan il-każ, minn imkien ma jirriżulta jekk f'xi ħin, qabel ma l-appellant ġie mistoqsi jekk kienx jaċċetta li jsirlu t-test tan-nifs, ingħatax il-jeddijiet tiegħu jew it-twissijiet imsemmija f'din is-sentenza u anke fil-ġurisprudenza l-oħra ċitata.

79. F'dan il-kuntest, din il-Qorti ma tistax tqis li s-sejbien ta' ħtija tal-appellant mill-Qorti tal-Maġistrati għar-reat imsemmi fl-artikolu 15E(4) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta mingħajr ma l-proċedura ġiet debitament segwita skont il-Liġi jista' jitqies li kien *safe and satisfactory*. Dan it-test tan-nifs ġie magħmul mingħajr ma ġew imħarsa l-kawteli u twissijiet statutorji, fejn hemm konsegwenzi legali serji li jitnisslu kemm jekk dan it-test isir (bħala prova ammissibbli fi proċeduri kriminali) u kemm jekk dan it-test ma jsirx (li l-fatt sempliċi jikkostitwixxi reat *ad hoc*).

80. L-ewwel aggravju għalhekk jimmerita li jiġi milqugħ riferibbilment għal dak li għandu x'jirrigwarda t-tielet imputazzjoni u li magħha dan l-aggravju jorbot.

***Ikkunsidrat***

81. Illi kwantu għat-tieni aggravju, din il-Qorti jidhrilha li għalkemm verament l-aġenti tal-Pulizija ma produċewx kopja tas-*seta ta mandat moghti lill-Ghassa z Zejtun mis Supretendent tal hames distrett* il-Pulizija xorta waħda jispjegaw li huma kienet ingħatatilhom din l-awtorizzazzjoni superjuri. Mill-banda l-oħra ma jirriżultax li din l-eċċezzjoni ingħatat mill-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sabiex dik il-Qorti tiddeċiedi dwarha. Fl-istat attwali tal-atti għalhekk tirriżulta preżunzjoni ta' fatt imnissla mill-artikolu 355B tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti ma tqisx li ġiet b'xi mod disturbata. It-tieni aggravju għalhekk jimmerita li jiġi respint.

***Ikkunsidrat***

82. Illi kwantu għal dak li jirrigwarda l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, din il-Qorti rat li l-appellant talab ir-revoka tas-sentenza appellata u b'hekk din il-Qorti tifhem li talab ukoll ir-revoka ta' dik il-parti fejn il-Qorti tal-Maġistrati sabitu ħati tagħhom ukoll. Iżda l-aggravji preżentati minnu ma jagħmlux riferenza espliċita għaliex l-appellant iqis ruħu aggravat bis-sejbien ta' ħtija dwarhom.

83. Fi kwalunkwe każ, huwa stabbilit mill-ġurisprudenza li r-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni jippreskrivi li : -

> 15A.(1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi.
>
> (2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa.

84. Fis-sentenza bl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Marlon Montebello***, din il-Qorti diversament preseduta kienet ikkonsidrat is-segwenti :

> Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tosserva fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Francis Pace***, biex jigi deciz jekk persuna kienitx qed issuq "meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi hin imnaqqsa"[1] minhabba xorb (jew drogi) bi ksur ta' l-Artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe` apparti mir-risultat o meno ta' l-analizi maghmula skond l-Artikolu 15E. Tali prova ohra tista' tinkludi il-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq, kif ukoll ir-risulatat tat-test (preliminari) tan-nifs maghmul taht l-Artikolu 15C. Kwantu ghall-hekk imsejjha "caution", din it-twissija (cioe` t-twissija li n-nuqqas jew rifjut li wiehed jaghti kampjun tan-nifs hu reat) hi mehtiega biss sabiex il-pulizija tkun tista' tarresta lil minn hekk jonqos milli jaghti il-kampjun ghat-test tan-nifs (mhux ghall-analizi), u dan skond l-Artikolu 15D(b); ghall-finijiet tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15E(4) ebda twissija ma hi mehtiega (ara ***Il-Pulizija v. Emanuel Camilleri***, App. Krim., 30di ta' April, 1999, u ***Il-Pulizija v. Anthony Cutajar***, App. Krim., 2 ta' Settembru, 1999).

85. Dan ifisser li għall-fini ta' integrazzjoni tar-reat taħt l-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti tista' tieħu in konsiderazzjoni **<u>provi oħra</u>** ***<u>apparti</u>*** mir-riżultat o meno tal-analiżi magħmula skont l-artikolu 15E tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistgħu jinkludu l-komportament u l-kundizzjoni fiżika tas-sewwieq. Dan huwa wkoll rilevanti għall-fini tal-ewwel

imputazzjoni f'dan il-każ u ċjoe dik li l-appellant kien saq il-vettura bil-mutur de quo bi traskuraġni.

86. Kif intqal aktar il-fuq fl-affidavits tal-erba' Aġenti tal-Pulizija jingħad li l-appellant ġie mwaqqaf mill-Pulizija waqt *road check* li kienu qegħdin jikkoduċu. Huwa ġie notat li ma kienx f'sura li jsuq kif ukoll li kellu riħa qawwija ta' xorb alkoħoliku ħierġa minn ħalqu. Huwa ġie mitlub jagħti kampjun tan-nifs u aċċetta. Iżda meta beda jonfoħ irriżulta li l-istrument beda jasal biss sa' 16% minn 100%. L-appellant ingħata tliet tentattivi sabiex ikun jista' jagħti kampjun sħiħ tan-nifs. Biss minkejja dan l-appellant ma bediex jasal biex jagħti kampjun sħiħ tan-nifs. Oltre minn hekk ġie innutat li kien qiegħed jixxengel fil-passi tiegħu. Minħabba l-istat li deher fih l-appellant ma tħalliex mill-Pulizija li jsuq il-vettura tiegħu u ċempel lil xi konoxxent tiegħu residenti Ħal-Għaxaq biex imur jorqod għandu.

87. Għalkemm l-affidavits huma skarni minn dettalji hemm il-minimum tal-prova meħtieġa sabiex din il-Qorti tkun tista' tikkonkludi li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li ssib ħtija fit-tieni imputazzjoni. Dan jingħad in kwantu l-Pulizija jgħidu li l-appellant ġie notat minnhom li ma kienx f'sura li jsuq. Inoltre, huwa kellu riħa **<u>qawwija</u>** ta' xorb alkoħoliku ħierġa minn ħalqu. Oltre minn hekk il-Pulizija innutawh li kien qiegħed jixxengel fil-passi tiegħu. Minħabba dan l-istat li deher fih l-appellant huwa ma tħalliex mill-Pulizija li jsuq il-vettura tiegħu. L-appellant ċempel lil

xi konoxxent tiegħu residenti Ħal-Għaxaq biex imur jorqod għandu.

88. Verament li fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Raymond Debono*** deċiż nhar il-21 ta' Jannar 2016 fejn għalkemm il-Pulizija xammew riħa ta' xorb fuq is-sewwieq, ma kienx hemm provi oħra oġġettivi li setgħu jagħtu indikazzjoni aktar b'saħħitha dwar il-mod tas-sewqan tal-appellant, u jekk kienx hemm indikaturi ta' spavalderija jew erratiċita inspjegabbli fis-sewqan ta' tal-appellant, li setgħu kienu kaġun tal-inċident u li huma wkoll ritenuti <u>**bħala indikaturi li sewwieq ikun taħt l-effett ta' xorb alkoħoliku**</u> mill-appelli kriminali ***Il-Pulizija vs. Brenda Agius*** deċiż nhar il-15 ta' Mejju 2008 u ***Il-Pulizija vs. Martin Zammit*** deċiż nhar it-13 ta' Frar 2013.

89. Biss f'dan il-każ ma kienx hemm biss ir-riħa ta' xorb alkoħoliku. Il-Pulizija rat li l-appellant ma kienx <u>**f'sura**</u> li jsuq. Apparti minn hekk huwa beda jixxengel fil-pass tiegħu. Dawn huma provi oħra li jindikaw l-imġieba tal-appellant li minnhom din il-Qorti tista' tasal tikkonkludi li huwa kien jikkwalifika bħala persuna li tkun qegħda ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor <u>**u**</u> ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq <u>***minħabba***</u> xorb jew drogi li għal xi ħin inaqqsulu l-kapaċità tiegħu li jsuq sew.

***Ikkunsidrat***

90. Illi l-ewwel imputazzjoni hija dik tas-sewqan tal-vettura b'manjera traskurata. Din l-imputazzjoni tista' tissussisti ***indipendentement*** mill-fatt jekk is-sewwieq kienx taħt l-effett ta' xorb jew droga. Il-Qorti tagħmel referenza għal ġurisprudenza fejn saret distinzjoni ċara bejn dak illi jitqies bħala sewqan traskurat u negliġenti kif ġej:

> Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn jew li ma jilhaqx il-livell ta', sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti. kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fl-artikolu 15 (2) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65) bhala sewqan "bi traskuragni kbira". Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perkolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddecidi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-prezenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz.[14]

91. In oltre fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Alfonso Abela*** din il-Qorti diversament ippreseduta rriteniet is-segwenti:

> Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Aldo Muscat" [27.5.04] ), jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "Degree". (App.Krim. Pul. vs. Charles Bartolo [14.3.59] ; Pul. vs. Wilson, Vol. XXXIX p. 1018 u Pul. vs. Alfred Vella, Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. Pul. vs. Hardingham , [19.10.1963]) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu irreat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn

[14] ***Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud***, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar is-6 ta' Mejju 1997.

ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. Pul. vs. Charles Farrugia XXXIX p. 1018.) "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye". (App. Krim. Pul. vs. Joseph Aquilina , 20.4.1963) . Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri , Vol. XLIV , p.892.).[15]

92. F'dan il-każ ma ġiet preżentata ebda prova ta' kif u b'liema veloċita l-appellant kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu qabel ma huwa ġie mwaqqaf mill-Pulizija fir-*road-check* relattiv. Fix-xenarju probatorju f'dan il-każ l-anqas prova ta' xi kliem, inċident, jew impatt fuq persuni, vetturi jew oġġetti oħra ma kien hemm. Din il-Qorti ma tqisx li jkun *safe and satisfactory* li ssib ħtija wkoll fl-ewwel imputazzjoni. Il-Pulizija fl-affidavit tagħhom xehdu li huma qiesu lill-appellant li ma kienx f'sura li jsuq, kellu riħa ta' xorb qawwija u meta beda jimxi kien qiegħed jixxengel. Iżda huma ma jsemmu xejn fir-rigward ta' kif kien is-sewqan tal-appellant – ċjoe jekk kienx sewqan erratiku jew spavald jew b'xi mod ieħor li juri li ma kienx sewqan fin-norma tal-prudenza rikjesta mill-Liġi. Ir-reat de quo f'dan il-każ jikkwalifika l-mod ta' kif is-sewwieq ikun qiegħed isuq il-vettura bil-mutur aktar milli l-kondizzjoni mentali u interna tal-persuna li tkun qed issuq. Is-sejbien ta' ħtija tar-reat ta' sewqan traskurat trid tinġieb b'riferenza għal kif is-sewwieq kien qiegħed isuq il-vettura bil-mutur tiegħu f'dak il-mument li huwa jkun ġie osservat. Il-provi prodotti huma siekta dwar il-mod ta' sewqan tal-appellant. Din il-Qorti għalhekk ma tistax tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-każ tagħha relattivament għall-ewwel imputazzjoni.

[15] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Marzu 2005.

# *Deċide*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħdha tilqa' l-appell in parti, tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni u b'hekk tiddikjarah mhux ħati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni u tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom.

Illi kwantu għall-piena, din il-Qorti rat li l-Qorti tal-Maġistrati imponiet il-piena tagħha b'mod komplessiv b'mod li imponiet il-multa fil-minimum tagħha kif applikabbli għas-sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha li tagħhom sabet il-ħtija. Iżda dik il-Qorti setgħet imponiet din il-piena anke kieku sabet lill-appellant ħati biss tat-tieni imputazzjoni. It-tieni imputazzjonijiet tiġbor fiha reat serju u li setgħa ġab miegħu konsegwenzi ħżiena ħafna għall-appellant u għal terzi persuni innoċenti u inermi.

Ġaladarba l-Qorti tal-Maġistrati applikat il-piena tagħha fil-minimum – anke kieku ma jitqiesux l-ewwel u t-tielet imputazzjoni u li minnhom l-appellant ġie liberat bis-saħħa ta' din is-sentenza – mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax tinżel taħt il-minimum stabbilit mill-Liġi fir-rigward ta' sejbien ta' ħtija fir-rigward tat-tieni imputazzjonijiet, li l-ħtija tiegħu dwarha se tibqa' invarjata.

Għaldaqstant din il-Qorti għajr ħlief għal dak varjat u kif imsemmi aktar il-fuq f'din is-sentenza, tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament tagħha.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***